*l-aggravju interpost mill-appellant ma jaqax taħt l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 għaliex m'hemm l-ebda punt ta' liġi li fuqu l-appellant jista' jserraħ l-appell tiegħu - fil-każ odjern ma kienx hemm terminazzjoni mill-impjieg li tista' titqies inġusta jew li l-fatti tal-każ jammontaw għal* constructive dismissal - *ir-riżenja* under protest *mhijiex rekwiżit essenzjali għal* constructive dismissal

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 26/2023 LM

**Col. Claudio Spiteri Ret'd (K.I. nru. 362367M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Malta Gaming Authority**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Col. Claudio Spiteri (K.I. nru. 362367M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-24 ta' Frar, 2023, fejn

it-Tribunal iddeċieda li r-rikorrent ma kienx tkeċċa inġustament mix-xogħol mal-intimata **Malta Gaming Authority** [hawnhekk 'l-appellata' jew l-MGA'], u li t-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg ma kinitx tammonta għal *constructive dismissal.*

## Fatti

2. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien impjegat mal-intimata bħala *Head of Enforcement,* fuq bażi indefinita b'effett minn Frar tal-2016. Qal li huwa ma ġiex mogħti kopja tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu, iżda ngħata *job description.* Spjega li wara li kien irtira mill-impjieg li kellu bħala Kurunell tal-Forzi Armati ta' Malta, huwa kien jaġixxi ta' konsulent fuq bażi *part-time* mas-soċjetà Kavallier Security Services Limited illi tipprovdi servizzi ta' sigurtà lil terzi, filwaqt li kien impjegat mal-intimata bħala *Head of Enforcement*. Qal li dwar dan kien tkellem mas-CEO tal-intimata fi żmien l-ingaġġ tiegħu mal-intimata fis-sena 2016, li min-naħa tiegħu kien aċċerta lir-rikorrent illi tali okkupazzjoni ma kelliex tkun tal-ebda xkiel għall-intimata sakemm ma joffrix is-servizzi fil-kumpless tal-uffiċini tal-istess intimata fi Smart City. Ir-rikorrent qal li fil-fatt huwa dejjem onora dan l-obbligu tiegħu. Qal ukoll li matul l-impjieg tiegħu huwa dejjem aġixxa b'mod professjonali u qatt ma kellu problemi, tant hu hekk li qatt ma ngħata xi twiddiba jew twissija minħabba xogħlu. Qal li f'April 2021, huwa irċieva *email* mingħand Etienne Gatt, manager fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-intimata li kien talbu jiddikjara kwalunkwe interess barrani li kellu, u talbu jiddikjara wkoll jekk tali interessi jistgħux jippreġudikaw ir-rwol tiegħu mal-intimata. Ir-rikorrent qal li huwa ottempera ruħhu ma' dak mitlub minnu, u anki bagħat

elenku tal-klijenti tiegħu meta ntalab jagħmel dan. Ir-rikorrent spjega li fl-20 ta' April, 2021, huwa ntalab jattendi laqgħa mas-CEO u s-COO Carl Brincat u Christopher Formosa, fejn ġie mgħarraf li kien hemm problema għaliex fost il-klijenti tal-kumpannija li tiegħu, kien hemm operatur fil-qasam tal-*gaming.* Ir-rikorrent qal li dak il-ħin huwa ġie infurmat li sal-għada huwa kellu jissottometti r-riżenja tiegħu minn mal-intimata. Qal li huwa ddefenda ruħu billi qal li qatt ma wera xi preferenza jew aġir favorevoli fil-konfront tal-ebda klijent, u fil-fatt minn taħt idejh kienu anki ħarġu multi fil-konfront ta' dan l-istess klijent. Qal li huwa qatt ma kien mistoqsi jekk kienx jantiċipa xi kunflitt fir-rigward ta' dan il-klijent, u jekk xtaqx jesplora l-għażla li ma jżommx aktar lil dan il-klijent tal-kumpannija tiegħu. Żied jgħid li minkejja li huwa għamel ħiltu sabiex jispjega li l-akkużi li kien qiegħed jiffaċċja saru bla bżonn, Brincat u Formosa ma ċedewx u baqgħu jinsistu li r-rikorrent kellu jirriżenja mill-impjieg tiegħu mal-intimata. Ir-rikorrent qal li f'każ ta' tilwima fuq il-post tax-xogħol, il-prassi tiddetta li għandu jkun hemm diskussjonijiet dwar tentattivi għal soluzzjoni, u f'każ li l-impjegat jibqa' ma jottemperax ruħhu mal-ordnijiet leġittimi u raġonevoli tal-prinċipal, jittieħdu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal li r-rwol li huwa kien jokkupa mal-intimata għadu vakanti u baqgħet ma nħarġet l-ebda sejħa għalih, u qal li dan jindika li l-intimata riedet tneħħi dan ir-rwol sabiex jiġi assorbit minn dipartiment ieħor. Ir-rikorrent għalhekk talab li t-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet tammonta għal *constructive dismissal,* minħabba l-mod kif ġiet ittrattata. Talab ukoll li t-Tribunal jiddeċiedi li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg saret għal raġunijiet inġusti minħabba fil-mod kif saret. Ir-rikorrent talab ukoll li l-intimata tinżamm

responsabbli għall-ħlas ta' kumpens ġust u ekwu skont il-liġi, u li jillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilu.

3. L-intimata wieġbet li dan huwa każ ta' riżenja volontarja u mhux waħda sfurzata, u għalhekk ma taqax taħt il-parametri ta' *constructive dismissal.* Spjegat li magħha r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' *Head of Enforcement* minn Frar tal-2016, fuq bażi ta' kuntratt ta' impjieg definit, li sussegwentement inqaleb għal kuntratt indefinit. Qalet li fost id-dmirijiet u obbligi tiegħu bħala *Head of Enforcement,* ir-rikorrent ma setax ikollu interessi jew relazzjonijiet kuntrattwali ma' entitajiet direttament jew indirettament regolati minnha. Spjegat li minkejja li r-rwol tar-rikorrent kien jirrikjedi imparzjalità, huwa ma ddikjarax ir-relazzjoni kuntrattwali tiegħu ma' kumpannija liċenzjata minnha, meta fir-rwol tiegħu mal-MGA r-rikorrent seta' potenzjalment jieħu azzjonijiet ta' infurzar kontriha. L-intimata spjegat ukoll li minflok ma ddikjara r-relazzjoni kuntrattwali mal-klijenta tiegħu, ir-rikorrent irrimarka "*No*" meta kien mistoqsi jekk kellux xi relazzjoni professjonali jew ta' impjieg ma' xi organizzazzjoni li hija *gaming operator, manufacturer or supplier, or represents such organisation.* Qalet li r-rikorrent naqas ukoll milli jwettaq l-obbligu kontinwu tiegħu sabiex jinfurmaha jekk kienx hemm kunflitt ta' interess reali jew perċepit li jista' jirriżulta minn attivitajiet interni jew esterni, minkejja li kien imfakkar dwar dan permezz ta' diversi *emails.* Qalet li kien l-HR Manager tagħha Etienne Gatt, li kien jippersisti biex jingħata l-informazzjoni meħtieġa mir-rikorrent, sabiex ikun f'pożizzjoni li jara jekk kienx hemm kunflitt ta' interess reali jew perċepit. L-intimata qalet li kien minħabba f'din il-persistenza tagħha li hija saret taf, li minkejja l-obbligi li kellu, ir-rikorrent kien direttur u azzjonist f'żewġ kumpanniji tas-sigurtà li joffru servizzi ta' *manned guarding* u *remote CCTV monitoring,* li

fost il-klijenti tagħhom hemm il-kumpannija VideoSlots Limited, li hija liċenzjata u rregolata mill-MGA. Qalet li minħabba d-dmirijiet tar-rikorrent mal-MGA, ġie konkluż li huwa kellu kunflitt ta' interess ċar, u meta r-rikorrent ġie ffaċċjat b'din il-problema, huwa ħa d-deċiżjoni volontarja u unilaterali li jirriżenja mill-impjieg tiegħu. L-intimata qalet li fl-ittra ta' riżenja tiegħu, li ġiet esebita mir-rikorrent innifsu, ir-rikorrent spjega li minħabba f'dan il-kunflitt ta' interess, il-kariga tiegħu kienet saret insostenibbli, u qal li x-xogħol tiegħu mal-intimata kellu jintemm. L-intimata qalet li sabiex każ jammonta għal *constructive dismissal,* l-azzjoni tal-kumpannija għandha tkun '*an unreasonable response in all the circumstances',* u ladarba r-rikorrent innifsu ħass li ma kellu ebda triq oħra għajr li jirriżenja mill-impjieg, żgur li ma jistax jingħad li din ir-reazzjoni kienet ikkaġunata minn azzjoni irraġonevoli tal-MGA. L-intimata qalet li kien raġonevoli għaliha li tippretendi li l-impjegati tagħha ma jkollhomx kunflitti ta' interess diretti jew indiretti ma' kumpanniji regolati minnha stess.

**<u>Mertu</u>**

4. Fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa beda jaħdem mal-intimata fi Frar tal-2016, u dam jaħdem hemmhekk għal ftit aktar minn ħames snin. Spjega li r-rwol tiegħu kien dak ta' *Head of Enforcement,* wara li kien għamel karriera ta' tletin sena fil-Forzi Armati, u f'dan ir-rwol huwa kellu jassigura li entitajiet liċenzjati mill-MGA jimxu b'konformità mar-rekwiżiti imposti fuqhom. Ir-rikorrent qal li meta saritlu l-intervista qabel beda jaħdem mal-MGA, huwa kien informa lis-Chairman ta' dak iż-żmien li huwa jaħdem bħala konsulent tas-sigurtà ma' kumpannija privata, u din il-kumpannija kienet toffri servizzi ta' sigurtà lill-klijenti tagħha. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma kellu

kunflitt ta' interess, għaliex huwa qatt ma daħal jaħdem ma' kumpannija involuta fis-settur tal-*gaming.* Ir-rikorrent qal li meta huwa mmarka l-kaxxa "No" fuq id-dokument fejn kellu jiddikjara l-interessi tiegħu, huwa għamel dan għaliex huwa ma kellu l-ebda *shareholding* fil-kumpannija Kavallier u kien sempliċement ħaddiem tagħha, u ma kellu l-ebda ingaġġ jew kuntratt jew ftehim ma' xi kumpannija li topera fis-settur tal-*gaming.* Qal li x-xogħol tiegħu kien direttament ma' Kavallier Security Service u mhux ma' xi kumpannija tal-*gaming,* u ppreċiża li kemm dam jaħdem mal-intimata huwa qatt ma ħa xi deċiżjoni li setgħet tiffavorixxi lil xi operatur fis-settur tal-*gaming.* Qal li fis-sena 2020 kien hemm persuna fir-rwol ta' direttur mal-kumpannija Kavallier Security Services Limited li temmet l-impjieg tagħha, u għalhekk huwa ried li jidħol bħala direttur tagħha. Qal li huwa kien informa b'dan lill-MGA u anki kien tahom il-lista tal-impjegati u tal-klijenti tal-kumpannija. Kompla jgħid li eventwalment huwa ġie infurmat li s-CEO il-ġdid tal-MGA xtaq ikellmu, u kien is-CEO li qallu li l-pożizzjoni tiegħu fl-MGA ma kinitx għadha sostenibbli, u li r-riżenja tiegħu kienet mistennija sal-għada f'nofsinhar. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa ma ngħata l-ebda alternattiva għajr li jirriżenja. Ir-rikorrent qal li r-rwol li kellu mal-MGA baqa' ma mtlietx, u persuni li kienu jaqgħu taħtu fil-ġerarkija tal-MGA ntbagħtu jaħdmu f'dipartiment ieħor. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ir-rikorrent ikkonferma li l-kumpannija VideoSlots Limited kienet klijenta ta' Kavallier Security Services Limited, u li l-kumpannija VideoSlots Limited hija regolata mill-MGA. Ikkonferma wkoll li f'każ ta' ksur tar-regolamenti minn VideoSlots Limited, huwa kien jifforma parti mit-tim li jrid jiddeċiedi dwar x'azzjoni ta' infurzar kellha tittieħed fil-konfront ta' din il-kumpannija.

5. **Dr Domenic Micallef**, li kien iċ-Chief Officer tal-MGA inkarigat mill-*enforcement* fiż-żmien in kwistjoni, spjega li r-rikorrent kien persuna ta' dixxiplina u rispettat fuq il-post tax-xogħol. Qal li huwa kien telaq mill-impjieg mal-MGA qabel ma rriżenja ir-rikorrent. Qal li huwa kien jaf li r-rikorrent kien involut f'kumpannija tas-sigurtà, iżda ma kienx jaf li l-kumpannija VideoSlots Limited kienet klijenta tal-kumpannija privata li kien involut fiha r-rikorrent.

6. **Etienne Gatt**, *Head of Human Resources and Corporate Affairs* mal-MGA intimata, spjega li r-rikorrent beda jaħdem mal-MGA fi Frar tal-2016 bħala *Head of Enforcement.* Qal li huwa kellu relazzjoni tajba mar-rikorrent. Qal li bħala parti mix-xogħol amministrattiv tiegħu, huwa kien jibgħat *email* lill-impjegati kollha tal-MGA sabiex dawn jiddikjaraw jekk kinux involuti f'xi attivitajiet barra l-post tax-xogħol li setgħu potenzjalment joħolqu kunflitt ta' interess mar-rwol tagħhom fl-MGA. Qal li r-rikorrent kien infurmah li kien involut f'żewġ kumpanniji, li waħda minnhom ma kinitx għadha attiva, u kien anki ta lista tal-klijenti ta' dawn il-kumpanniji. Qal li huwa ma kienx preżenti waqt il-laqgħa li kienet saret mar-rikorrent, u lanqas ma jaf x'kien ingħad jew jekk kienx ġie offrut alternattivi oħra minflok ma jirriżenja. Ix-xhud ikkonferma li fil-preżent għad hemm dipartiment li jieħu ħsieb l-infurzar tal-MGA, u dan id-dipartiment jaqa' taħt it-taqsima legali. Ix-xhud spjega li huwa kien ilu jaħdem mal-MGA minn Lulju tal-2019. Qal li l-uffiċjali tal-MGA huma *custodians* tal-*policies* u l-proċeduri tagħha, fosthom il-*policy* dwar il-kunflitt ta' interess li jista' jinħoloq minn xi attività li jkun qiegħed jipparteċipa fiha xi ħadd mill-impjegati jew uffiċjali tal-istess MGA. Qal li l-impjegati tal-MGA huma mistennija li jiddikjaraw kull attività terza li jistgħu jinvolvu ruħhom fiha. Qal li l-MGA għandha *document management system,* li kull impjegat għandu aċċess għaliha sabiex ikun

mgħarraf bil-*policies* tal-MGA. Qal ukoll li l-impjegati jintbagħtu *reminders* dwar tali *policies* darba kull sitt xhur. Qal ukoll li kull impjegat jimla formula fejn jiddikjara li la hu u lanqas qraba viċin tiegħu m'għandhom involviment f'xi *gaming company* jew ma' xi soċjetà li jista' jkollha interess fl-attivitajiet li għandha x'taqsam magħhom l-MGA. Qal li r-rikorrent ma kien ta l-ebda risposta dwar dan. Qal li meta huwa bagħat *email* lir-rikorrent fejn speċifika x'tip ta' informazzjoni kienet mitluba mingħandu, dan wieġeb li huwa kien involut bħala azzjonist u direttur tas-soċjetà Kavallier Security Services Limited, fejn qal li kien jaqdi rwol amministrattiv. Qal li r-rikorrent intalab jagħti lista tal-klijenti ta' din il-kumpannija, u kien hemm fejn ġie stabbilit li r-rikorrent għandu fost il-klijenti tal-kumpannija tiegħu lis-soċjetà VideoSlots Limited, li hija kumpannija liċenzjata mill-Malta Gaming Authority. Ix-xhud qal li fir-rwol li kien jokkupa r-rikorrent, dan kellu jkun aktar kawt fl-affarijiet li jagħmel, u qal li l-perċezzjoni tan-nies hija li dan seta' uża l-influwenza tiegħu fl-azzjonijiet ta' infurzar li riedu jittieħdu mill-MGA. Ix-xhud qal li l-kuntratt tax-xogħol jispeċifika li anki fejn persuna tista' tagħti l-perċezzjoni li ser tinvolvi ruħha f'attività li tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interess, din għandha teżerċita kawtela. Qal li fil-każ tar-rikorrent il-perċezzjoni kienet importanti għaliex ir-rikorrent kien *Head of Enforcement,* u f'dan ir-rwol kellu joqgħod attent li ma jibdiex attività ma' terza persuna li jkollha negozju ma' klijent li potenzjalment jista' jkollu azzjoni ta' infurzar kontra tiegħu. Qal li wieħed ma jistax ikun f'pożizzjoni fejn fir-rwol tiegħu mal-MGA irid jinforza l-liġi, filwaqt li bil-kappell l-ieħor ikun qiegħed jaqla' l-flus mingħand klijent illiċenzjat mill-istess MGA. Qal li persuna li tiffirma l-kuntratt tal-impjieg tkun rat il-kuntratt tax-xogħol, u l-klawsola 7 tal-kuntratt hija ċara li impjegat irid jiddikjara kull kunflitt ta' interess u kull attività li jinvolvi

ruħhu fiha. Qal li r-*reminder* kien jintbagħat sabiex jiġi assigurat li kull impjegat qiegħed jottempera ruħhu ma' din il-*policy.*

7. **Christopher Formosa**, *Deputy CEO* u *Chief Operations Officer* tal-MGA intimata xehed li r-rikorrent kien *Head of Enforcement,* u f'dan ir-rwol tul is-snin huwa kien iwieġeb lil persuni differenti minħabba li l-istruttura tal-MGA nbidlet mas-snin. Qal li r-rwol tar-rikorrent kien li jassigura li meta jkun hemm ksur tal-obbligi minn xi wieħed mill-operaturi liċenzjati mill-MGA, dan kien jiddeċiedi x'tip ta' azzjoni ta' infurzar għandha tittieħed. Ix-xhud spjega li l-MGA hija awtorità pubblika, u għalhekk l-kwistjoni tal-kunflitt ta' interess reali jew perċepit hija waħda kruċjali għall-operat tagħha. Spjega li huwa għalhekk li l-impjegati tagħha jintalbu jiddikjaraw jekk għandhomx kunflitt ta' interess, u qal li l-fatt li l-impjegati tal-MGA jista' jkollhom rwoli oħra jew impjieg ieħor fih innifsu mhux ta' problema, iżda l-problema tfeġġ meta jkun hemm kunflitt ta' interess. Qal ukoll li l-impjegati jintalbu jiddikjaraw kull interess li jista' jkollhom f'kull qasam, inkluż dak tal-membri tal-familja tagħhom. Qal li r-rikorrent kien indika li mhux involut u li m'għandu l-ebda forma ta' kunflitt ta' interess bl-attivitajiet tiegħu. Qal li minn żmien għal żmien l-MGA kienet tibgħat tfakkar lill-impjegati tagħha fl-obbligu tagħhom li jinfurmawha b'kull tibdil fis-sitwazzjoni tagħhom, u żied jgħid li l-*policy* interna tal-MGA hija li kull kunflitt ta' interess jista' jiġi *managed.* Qal li r-rikorrent qatt ma kellmu dwar l-involviment tiegħu fil-kumpannija Kavallier Security Services Limited, iżda lilu kienet tinġibidlu l-attenzjoni b'mod regolari li jista' jkun hemm impjegati tal-MGA li għandhom kunflitt ta' interess. Kompla jgħid li l-MGA ġiet infurmata b'attività li kien involut fiha r-rikorrent. Ix-xhud spjega li dan kollu seħħ f'kuntest fejn kien hemm skrutinju qawwi tal-attivitajiet tal-MGA għaliex kien hemm uffiċjali għolja fl-

MGA li involvew ruħhom f'attivitajiet barra x-xogħol tagħhom, u għalhekk l-MGA kienet mistennija li ssaħħaħ l-i*standards* tagħha ta' etika u ta' governanza. Qal li kien dmir tiegħu li jassigura li jekk l-MGA kienet esposta għal xi riskju, dan jiġi investigat. Ix-xhud qal li f'dan il-każ partikolari, lilu xegħlitlu bozza ħamra meta ra l-isem 'VideoSlots Limited' fil-lista tal-klijenti tar-rikorrent, u kien għalhekk li eskala l-kwistjoni mas-CEO. Qal li għall-MGA kienet meqjusa xi ħaġa gravi li r-rikorrent fir-rwol li kellu, kellu wkoll klijent privat li kien liċenzjat mill-istess MGA, u qal li wieħed irid iżomm f'moħħu li r-rikorrent kien parti minn mekkaniżmu ta' infurzar anki ta' kompetituri ta' entitajiet liċenzjati mill-MGA. Ix-xhud qal li kien fid-dawl ta' dan kollu li r-rikorrent intalab jattendi għal laqgħa, li kienet waħda qasira, fejn is-CEO spjegalu l-gravità tas-sitwazzjoni li kienu fiha. Qal li anki li kieku r-rikorrent qatt ma kien involut fi kwistjoni li tinvolvi lil VideoSlots Limited, dan seta' kien involut fi kwistjoni li tinvolvi lil kompetitur ta' din il-kumpannija, u għalhekk setgħet issir kritika lill-MGA f'dak is-sens. Qal li r-rikorrent kien jifforma parti minn kumitat li jieħu ħsieb l-infurzar tar-regolamenti min-naħa tal-entitajiet liċenzjati mill-MGA. Qal li minkejja li r-rikorrent spjega li huwa dejjem mexa b'mod etiku, is-CEO infurmah li dan kien każ gravi u li kien qiegħed jistenna r-riżenja tiegħu mill-impjieg. Qal li mill-mument li r-rikorrent infurmah bir-riżenja tiegħu, huwa beda l-proċess tat-terminazzjoni tiegħu mill-impjieg. Ix-xhud qal li l-MGA għandha interess li telimina kull dubju li xi impjegat tagħha, jew uffiċjal għoli tagħha, jista' jkollu xi forma ta' interess f'xi attività li toffri servizzi lill-kumpannija liċenzjata mill-MGA, inkluż membri tal-familja tal-istess impjegat jew uffiċjal. Qal li l-mara tar-rikorrent kienet tidher bħala direttur tal-kumpannija Kavallier Security Services Limited. Qal li r-rikorrent kien mistenni li jagħmel żewġ dikjarazzjonijiet, li kien

qiegħed jagħmel xogħol ta’ konsulenza għal din il-kumpannija, u li l-mara tiegħu kellha rwol f’din il-kumpannija. Qal li kieku f’dak iż-żmien ir-rikorrent għamel din it-tip ta’ dikjarazzjoni, huwa kien jingħata deċiżjoni dwar jekk is-servizzi pprestati minnu kinux jikkostitwixxu kunflitt ta’ interess jew le. Ix-xhud qal li l-MGA la ġiet infurmata f’liema punt mart ir-rikorrent saret rappreżentanta tal-imsemmija kumpannija, u lanqas ma ġiet infurmata f’liema punt ir-rikorrent sar direttur tal-istess kumpannija. Ix-xhud qal li fil-każ odjern mhux ir-rwol tar-rikorrent fil-kumpannija tas-sigurtà li ħoloq kunflitt ta’ interess, iżda l-klijenti tal-kumpannija tiegħu.

8. **Carl Brincat**, is-CEO tal-MGA, fl-*affidavit* tiegħu spjega li wieħed mill-proċessi li tħaddem l-MGA intimata fuq bażi kontinwa huwa li kull impjegat jintalab jimla dikjarazzjoni rigward interessi potenzjalment kunfliġġenti li jkollu barra mill-MGA. Qal li huwa obbligu ta’ kull impjegat li jżomm lill-MGA aġġornata b’kull tibdil li jkun sar minn meta tkun saret id-dikjarazzjoni oriġinali, u huwa għalhekk li jintbagħtu *reminders* lill-impjegati dwar dan l-obbligu. Qal li f’April tal-2021, kienu ntbagħtu *reminders* ta’ dan it-tip, u wara kien ġie infurmat li r-rikorrent kien involut f’kumpannija li toffri servizzi ta’ sigurtà. Qal li huwa kien sorpriż għaliex ma kienx jaf b’din l-attività, minkejja li r-rikorrent kien iwieġeb direttament lilu bħala Chief Legal & Enforcement Officer. Kompla jgħid li huwa staqsa lid-Deputy CEO u COO dwar dan, u in vista tan-nuqqas ta’ dokumenti dwar din il-kwistjoni, ta struzzjonijiet lit-tim tal-HR sabiex jitolbu l-kjarifiki neċessarji mingħand ir-rikorrent. Kompla jgħid li wara li seħħ dan, huwa ġie infurmat li apparti interessi barra mill-MGA li ma kinux dokumentati, ir-rikorrent kellu wkoll kumpannija liċenzjata mill-MGA fost il-klijenti tiegħu. Qal li dan kien inkwetanti għalih għaliex din kienet ċirkostanza li toħloq kunflitt ta’

interess ċar f'kull deċiżjoni ta' infurzar li setgħet tieħu l-MGA fil-konfront ta' din il-kumpannija, kif ukoll fil-konfront tal-kompetituri tagħha. Qal li dan kien ksur lampanti tal-obbligi tar-rikorrent bħala impjegat tal-MGA skont il-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu, u bħala uffiċjal pubbliku. Qal li huwa kien talab lir-rikorrent jattendi għal laqgħa fi Smart City fejn kien preżenti wkoll Christopher Formosa, u żied jgħid li r-rikorrent attenda għal din il-laqgħa virtwalment għaliex interpreta ħażin il-messaġġ li ntbagħatlu. Qal li r-rikorrent beda billi skuża ruħhu għal li kien għamel, u offra li jirrimedja b'xi mod, imma huwa kien fiehem lir-rikorrent li din is-sitwazzjoni ma setgħetx tiġi rimedjata. Ix-xhud żied jgħid li huwa kien spjega lir-rikorrent li ma kellhiex tkun l-MGA li tiskopri l-informazzjoni dwar l-attivitajiet estraneji għax-xogħol li kien involut fihom ir-rikorrent, wara li dan kien ilu żmien jippresta s-servizzi privati tiegħu lil kumpannija liċenzjata mill-MGA. Qal li kieku kellha tiġi aċċettata l-iskuża tar-rikorrent u kollox tħalla għaddej kif kien, l-i*standards* applikati mill-MGA kienu jkunu baxxi ferm. Qal li wara li spjega dan kollu lir-rikorrent, huwa fehmu wkoll li jekk ir-rikorrent ma kienx ser jerfa' r-responsabbilità għal għemilu billi jirreżenja, huwa kien ser jipproċedi billi jitterminalu l-impjieg. Qal li fil-21 ta' April, 2021, ir-rikorrent kien bagħatlu *email* fejn infurmah li kien qiegħed jirriżenja mill-impjieg tiegħu, u fejn assigurah li minkejja l-kunflitt ta' interess, huwa dejjem ħa ħsieb jaqdi dmiru, u fejn anki rringrazzja lix-xhud u lis-Sur Formosa personalment għall-għajnuna li tawh meta kellu diffikultajiet personali.

9. Ir-rikorrent ta wkoll d-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, fejn spjega li huwa kien jaħdem mas-soċjetà Kavallier Security Services Limited bħala konsulent dwar is-sigurtà. Qal li f'dan ir-rwol, kull meta l-kumpannija kien

ikollha klijenti ġodda jew tkun qiegħda tfittex xi xogħol, huwa kien jikteb rapport jew jagħmel *visits* fis-siti l-ġodda, u kien hemm drabi meta kien jintalab jagħti rakkomandazzjonijiet lill-kumpanniji dwar kif jistgħu jtejbu s-sigurtà tagħhom. Kompla jgħid li huwa sar direttur ta' din il-kumpannija fis-sena 2021. Qal li qabel ma sar direttur ta' din il-kumpannija, kien hemm diversi persuni oħra li kienu azzjonisti jew diretturi ta' din il-kumpannija, inkluż il-mara tiegħu, u uħud minn dawn in-nies kienu kollegi li kienu jaħdmu miegħu fl-Armata. Qal li l-mara tiegħu mhijiex ikkwalifikata fil-qasam tas-sigurtà. Qal li meta huwa kien iffirma l-kuntratt ta' impjieg mal-MGA, huwa kien informa lis-CEO ta' dak iż-żmien li kellu involviment f'kumpannija tas-sigurtà, u dan kien wieġbu li l-interessi privati tar-rikorrent ma kinux jinteressawh, u l-importanti kien li l-kumpannija Kavallier Security Services Limited ma tibdiex toffri s-servizzi tagħha fil-kumpless Smart City. Ir-rikorrent qal li huwa ma ħassx li kellu għalfejn jiżvela r-relazzjoni bejn il-kumpannija li tagħha kien direttur u s-soċjetà VideoSlots Limited għaliex ir-relazzjoni partikolari tiegħu kienet ma' Kavallier Security Services Limited u mal-ebda kumpannija oħra, u huwa kien jinteressah biss l-aspett tas-sigurtà tal-klijenti tal-kumpannija li huwa kien konness magħha. Qal li d-deċiżjonijiet dwar l-infurzar fl-MGA ma jeħodhomx il-*Head of Enforcement,* u għalhekk huwa qatt ma kien ser ikun f'pożizzjoni fejn jipprova jinfluwenza xi deċiżjoni li kellha tittieħed. Qal li huwa l-Bord tal-MGA li jiddeċiedi dwar ksur jew sanzjonijiet fuq l-individwi u mhux hu. Qal ukoll li fil-laqgħa li matulha huwa ntalab jirriżenja, ma ntalab jesprimi l-ebda opinjoni. Qal ukoll li huwa nħasad meta saritlu l-proposta li jirriżenja, għaliex kemm dam fl-Armata ħadd qatt ma talab għar-riżenja tiegħu minn xi impjieg. Qal ukoll li huwa għandu storja fil-militar, u għalhekk huwa kien jobdi l-ordnijiet li jagħtuh ta'

fuqu. Qal li l-għażla li ngħata kienet li jew jirriżenja minn jeddu jew inkella jitkeċċa mill-impjieg, u huwa għażel li jirriżenja.

## Id-deċiżjoni appellata

12. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Frar, 2023, it-Tribunal iddeċieda li r-rikorrent ma tkeċċiex mix-xogħol inġustament, u li din it-terminazzjoni lanqas ma kellha titqies bħala *constructive dismissal,* u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Kunsiderazzjonijiet***
>
> *Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi. Dan għamlu billi analizza l-fatti kollha u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajma matul dan il-proċess, u dan, kif ġew sponuti mix-xhieda u bosta dokumenti mill-partijiet.*
>
> *Fuq bażi regolari, il-Malta Gaming Authority kienet tara li kull impjegat jiġi mitlub jimla dikjarazzjoni rigward interessi potenzjalment kunfliġġenti, li jista' jkollu barra mill-MGA, u dan sabiex l-ebda impjegat ma jkollu kunflitt ta' interess fil-qadi ta' dmirijietu. Kienu jintbagħtu ukoll* reminders *kull tant żmien. Kien permezz ta' din il-proċedura fl-2021, illi deher li l-Kurunell Spiteri kellu xi kumpannija ta' sigurtà. Oltre dan, il-MGA irriżultalha, li fost il-klijenti ta' waħda mill-kumpanniji tal-Kurunell Claudio Spiteri, kien hemm ukoll entità liċenzjata mill-MGA. It-Tribunal ukoll jinnota li fl-*email *li kiteb ir-rikorrent, huwa talab skuża u informa lill-MGA li kien irriżenja. Fl-istess* email*, huwa radd ħajr lill-MGA u rringrazzja lill-MGA li dejjem kienet ta'* support *għalih f'mumenti diffiċli. F'din l-ittra ta' riżenja, it-Tribunal innota li ma kien fiha ebda ħjiel ta' protesta għall-mod li kien ittrattat fl-impjieg.*
>
> ***DECIDE***
>
> *It-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni ta' dan il-każ, il-provi miġjuba kif ukoll it-trattazzjoni taż-żewġ Avukati u wara konsiderazzjoni ta' dawn u ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrent, il-Kurunell Claudio Spiteri ma kienx itterminat mix-xogħol inġustament u li din it-terminazzjoni ma kinitx waħda li tista' titqies bħala* "constructive dismissal"*."*

**L-Appell**

13. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-appellant fis-7 ta' Marzu, 2023, dan spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal u li għalhekk qiegħed jinterponi appell minnha, u dan għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-kwistjoni kif jixraq u skont il-liġi. Qal li in vista tar-reputazzjoni u tal-*good standing* tiegħu fil-qasam professjonali u partikolarment fis-settur militari, huwa ħass li ma kellu ebda għażla għajr li jirriżenja sabiex jevita li jiġi mkeċċi mill-impjieg li kellu mal-MGA.

14. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal naqas milli japprezza dak li sostanzjalment jikkostitwixxi *constructive dismissal.* Qal li l-kunċett ta' *constructive dismissal* u l-elementi li jikkostitwuh, mhumiex espressament miktuba fil-liġi tagħna, imma minkejja dan il-ġurisprudenza Maltija ilha bosta snin tadotta dan il-kunċett fl-ambitu industrijali, u fil-każ odjern it-Tribunal kien obbligat janalizza u jevalwa l-elementi li jikkostitwuh stante l-applikazzjoni diretta tiegħu fil-ġurisprudenza lokali. Qal li t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, ta biss spjegazzjoni qasira ta' ftit linji fejn spjega l-ħsieb tat-Tribunal mingħajr analiżi wisq profonda ta' x'inhu dak li jikkostitwixxi *constructive dismissal.*

15. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li n-nuqqas tat-Tribunal li jagħti motivazzjoni adegwata skont il-liġi, jirriżulta fi ksur tar-Regolamenti 12 tar-Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali. Spjega li t-Tribunal fil-każ odjern naqas li jagħmel osservazzjonijiet dettaljati fir-rigward tal-motivazzjonijiet li fuqhom straħ sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u fil-konsiderazzjonijiet tiegħu m'għamel l-ebda riferiment għall-kunċetti applikabbli

u li jikkostitwixxu *constructive dismissal*. Żied jgħid li fil-ftit konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal, dan naqas milli jirreferi għax-xhieda, evidenza jew sottomissjonijiet imressqa minnu, u għamel riferiment biss għall-evidenza mressqa mill-MGA appellata, u għalhekk għandu jirriżulta li mhux minnu li t-Tribunal għamel evalwazzjoni bir-reqqa tal-evidenza mressqa miż-żewġ partijiet.

16. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex it-Tribunal donnu straħ fuq il-fatt li r-riżenja tiegħu ma kinitx waħda li saret *under protest.* Qal li fid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal irrepeta biss xhieda li ngħatat mir-rappreżentant tal-MGA, u qal li l-ittra ta' riżenja tal-appellant ma kien fiha l-ebda ħjiel ta' protesta għall-mod kif kien ittrattat fl-impjieg, mingħajr ebda elaborazzjoni oħra. L-appellant qal li filwaqt li l-element ta' riżenja *under protest* tissemma minn Selwyn fil-kitbiet tiegħu, din il-Qorti kemm-il darba rrimarkat li dan mhux rekwiżit essenzjali għall-prova ta' *constructive dismissal.* Qal li lanqas ma jista' jiġi nnegat li t-Tribunal naqas milli jagħmel analiżi profonda ta' elementi legali oltre dawk li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu,u dan minkejja l-fatt li huwa obbligu speċifiku tat-Tribunal li f'dan il-kuntest janalizza l-prestazzjoni, l-azzjonijiet u l-omissjonijiet da parti ta' min jimpjega, u mhux biss il-prestazzjoni tal-impjegat fil-mument tat-terminazzjoni.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-MGA appellata fir-risposta tagħha qalet li dan l-appell mhux fuq punt ta' liġi kif rikjest mill-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda huwa appell mibni fuq argumenti dwar kif it-Tribunal għażel li jispjega d-deċiżjoni

tiegħu u dwar l-applikazzjoni tajba jew ħażina u/jew l-interpretazzjoni tal-fatti tal-każ kif għamilhom it-Tribunal Industrijali, li m'għandhomx jiġu riveduti mill-Qorti tal-Appell. Qalet li biex din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar l-aggravji sollevati mill-appellant, jeħtieġ li tifhem l-isfond li wassal għall-ilment tiegħu. Spjegat li l-appellant kien impjegat magħha bħala *Head of Enforcement,* u din il-kariga kienet tipprekludieh milli jkollu interessi jew relazzjonijiet kuntrattwali li b'xi mod setgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess bejn ir-rwol tiegħu fl-MGA u xi rwol ieħor li huwa seta' kellu barra mill-MGA. Qalet li minkejja li dan l-obbligu kien espressament imniżżel fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu u fil-*policies* varji tal-MGA, l-appellant mhux talli ma ddikjarax x'interess kellu f'kumpannija tas-sigurtà, iżda huwa ammetta l-involviment tiegħu ma' kumpannija liċenzjata mill-MGA biss meta  kien mistoqsi direttament dwar dan. L-qppellata qalet ukoll li l-appellant naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jżommha infurmata dwar kull tip ta' kunflitt ta' interess reali jew perċepit li seta' jirriżulta mill-attivitajiet esterni tiegħu, minkejja li ntbagħtu diversi *emails* mill-MGA sabiex ifakkru dwar dan. L-appellata qalet li kien biss meta l-*HR and Corporate Affairs Manager* tagħha ippersista biex jikseb din l-informazzjoni minn għand l-appellant, li dan żvela li kien azzjonist u direttur f'żewġ kumpanniji tas-sigurtà, u fost il-klijenti tagħhom kien hemm il-kumpannija VideoSlots Limited, li hija liċenzjata u regolata mill-appellata.

18. L-appellata qalet li meta hija qajmet din il-kwistjoni mal-appellant, dan ammetta li l-pożizzjoni tiegħu magħha ma kinitx għadha tenibbli, u għażel li jirriżenja mill-impjieg li kellu, filwaqt li rringrazzja lill-MGA għall-għajnuna u l-appoġġ li rċieva matul l-impjieg tiegħu.

19. L-appellata qalet li quddiem dawn il-fatti, l-appellant mhux korrett fl-ewwel aggravju tiegħu, li qalet li m'għandux bażi legali. Qalet li dan l-aggravju mhuwiex ibbażat fuq punt ta' liġi u b'hekk l-appell ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li sabiex jasal għall-konklużjoni dwar jekk kienx hemm *constructive dismissal,* it-Tribunal għamel apprezzament konsiderevoli tal-fatti tal-każ biex jara jekk joħorġux l-elementi legali meħtieġa, u ma sab xejn x'jindika li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant tammonta għal *constructive dismissal.* L-appellata qalet ukoll li t-Tribunal analizza l-fatti fuq tmien paġni qabel ta d-deċiżjoni tiegħu, u l-fatt li l-appellant ma qabilx mal-evalwazzjoni li għamel it-Tribunal, m'għandux ifisser li dan għandu dritt ta' appell. L-appellata qalet li kienet responsabbilità tal-appellant li fir-rikors tal-appell tiegħu jindika liema huma l-elementi legali li jammontaw għal *constructive dismissal,* jew liema huma l-elementi li t-Tribunal naqas li jikkonsidra. Qalet ukoll li skont l-artikolu 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18 li ċċita l-appellant stess, it-Tribunal m'għandux jispeċifika fid-dettal ir-raġunijiet għad-deċiżjoni jew sentenza tiegħu, iżda jista' jagħmel riferiment għax-xhieda prinċipali li sema'. Qalet li t-Tribunal ta spjegazzjoni suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-artikolu, u l-appellant ma jistax jitlob li tiġi annullata d-deċiżjoni appellata għaliex l-ispjegazzjoni mogħtija ma laħqitx l-aspettattivi tiegħu.

20. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellata qalet li dan ukoll jammonta għal diverġenza ta' opinjoni, u ġie sollevat biss għaliex l-appellant ma qabilx mal-mod kif it-Tribunal interpreta l-każ tiegħu. Qalet li għalhekk dan ukoll mhux punt ta' liġi u ma jagħtix lok għal appell. Qalet li hawnhekk ukoll it-Tribunal, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu wera li huwa analizza l-argumenti u s-

sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet, u b'hekk issodisfa ir-rekwiżiti tar-regolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18, u għalhekk mhuwiex minnu li t-Tribunal m'għamilx riferiment għal xhieda, evidenza jew sottomissjonijiet tal-appellant. L-appellata qalet li jekk tasal għall-konklużjoni li t-Tribunal kellu jagħti spjegazzjoni aktar dettaljata għall-konklużjonijiet tiegħu, din il-Qorti xorta waħda m'għandhiex tannulla d-deċiżjoni għal kollox.

21. L-appellata qalet li anki t-tielet aggravju mressaq mill-appellant għandu jiġi miċħud, u dan għaliex persuna ma tistax tagħżel li tirriżenja mill-impjieg u tirringrazzja lill-MGA għall-opportunità li tatu, u fl-istess ħin tiftaħ proċeduri quddiem it-Tribunal għal *constructive dismissal.* Qalet li mhux minnu li t-Tribunal straħ kompletament fuq il-fatt li r-riżenja ma saritx *under protest,* iżda żiedet tgħid li t-Tribunal kien korrett meta ta piż lill-fatt li fl-ittra ta' riżenja tiegħu l-appellant mhux biss ma pprotestax dwar il-mod kif ġie ttrattat fl-impjieg, talli rringrazzja lill-MGA li matul l-impjieg tiegħu dejjem tatu sostenn. L-appellata qalet li l-appellant intebaħ li fil-kuntest tal-aġir tiegħu fil-konfront tagħha, ir-relazzjoni professjonali ta' bejniethom ma setgħetx tkompli, u l-imġiba tagħha kienet waħda raġonevoli. L-appellata qalet ukoll li t-Tribunal kien għaqli fl-evalwazzjoni tiegħu tal-kontenut tal-ittra ta' riżenja tal-appellant, għaliex mil-lingwaġġ użat jirriżulta li l-appellant ħasibha sew, analizza l-għażliet li kellu quddiemu, u għamel deċiżjoni libera.

22. L-appellata qalet li l-fatt li t-Tribunal f'waħda mis-seduti semma' l-frażi *Hobson's choice,* ma jfissirx li dan ma setax ibiddel fehemtu wara li sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet, u wara li analizza l-fatti kollha tal-każ.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

23. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, flimkien mar-risposta tal-appellata, u dan filwaqt li tqis ukoll il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal naqas milli japprezza dak li sostanzjalment jikkostitwixxi* constructive dismissal*]*

24. Jidher li l-appellant ħassu aggravat partikolarment għaliex stenna li t-Tribunal ser jelabora aktar dwar il-kunċett ta' *constructive dismissal* qabel ta d-deċiżjoni tiegħu, u fil-fatt jippernja dan l-aggravju fuq il-fehma li t-Tribunal m'għamilx evalwazzjoni fil-fond dwar jekk dan il-kunċett kellux japplika fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. L-appellata qalet li dan l-aggravju mhux ibbażat fuq punt ta' liġi, u għalhekk m'hemm l-ebda bażi legali għal dan l-aggravju. Żiedet tgħid ukoll li t-Tribunal għamel eżami tal-fatti tal-każ, u sab li ma kienx hemm lok li jiddeċiedi li l-fatti tal-każ jammontaw għal *constructive dismissal.*

25. Il-Qorti hawnhekk tqis li jkun ta' siwi li tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Spiteri *vs.* Xuereb Glass Co. Ltd.**[1], fejn għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Skont is-subinċiż (3) tal-Artikolu 82 tal-Att XXII tal-2002 (Kapitolu 452) ikun hemm dritt ta' appell fil-każijiet kontemplati f'dik id-dispożizzjoni "fuq punt ta' liġi". Għandu jiġi rilevat illi in linea ġenerali ma hemmx bżonn li dan il-punt ta' liġi jkun ġie espressament definit bis-sentenza appellata billi, a differenza ta' dak li nsibu per eżempju fl-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kapitolu 356), il-liġi dwar l-Impjiegi u r-*

[1] 10.10.2005.

*Relazzjonijiet Industrijali dan ma tgħidux. Huwa suffiċjenti għalhekk li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta involut jew* impliciter *fid-deċiżjoni, in kwantu din tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipju interpretattiv tal-liġi li l-appellanti jikkontesta. Ara f'dan is-sens is-sentenza riportata a* ***Vol. XL P.I p. 137****;*

*Dan premess, jidher li l-punt sollevat f'dan il-każ jikkonsisti unikament minn kritika tal-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal biex wasal għal apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal biex wasal għall-konklużjoni illi l-liċenzjament tal-appellat kien ġustifikat;*

*Ma jistax ikun dubitat illi t-Tribunal għandu dawk l-attribuzzjonijiet u funzjonijiet ġudizzjarji speċjali espressament riservati lilu bil-Kapitolu 452; inter alia, dawk maħsuba fl-artikolu 75(1) tiegħu. Naturalment huwa veru li fl-espletament ta' dawn l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet it-Tribunal ma jistax jinjora ċerti regoli fondamentali iżda daqstant ieħor huwa veru wkoll illi dak li huwa apprezzament ta' fatt dedott dan huwa mħolli b'mod esklussiv fil-kompetenza tal-istess Tribunal. Għaldaqstant id-deċiżjonijiet tat-Tribunal, għal dawk li huma kwestjonijiet u konklużjonijiet ta' fatt, huma finali u ma jistgħux jiġu riveduti jew ċensurati minn din il-Qorti. Kieku kien xort'oħra il-leġislatur ma kienx ikollu għalfejn jillimita statutorjament id-dritt ta' appell għal punt ta' liġi biss."*

26. Minn qari tad-deċiżjoni appellata, għandu jirriżulta li t-Tribunal għamel apprezzament tal-fatti li wasslu għar-riżenja tal-appellant mill-impjieg li kellu mal-appellata, kif ukoll tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet. Dan ifisser li t-Tribunal ifforma ġudizzju dwar x'kienu l-elementi fattwali li wassluh għall-konvinċiment li fil-każ odjern la kien hemm tkeċċija inġusta tal-appellant mill-impjieg, u lanqas ma kien hemm *constructive dismissal,* għaliex ir-riżenja tal-appellant kienet waħda volontarja, u mogħtija liberament minnu wara li qies li l-pożizzjoni tiegħu fl-MGA ma kinitx għadha tenibbli. It-Tribunal, meta qies ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent hawnhekk appellant u r-risposta mogħtija mill-intimata hawnhekk appellata, għamel diversi osservazzjonijiet u għamel riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Philip Camilleri *vs.* Bortex Clothing**

**Industry Co. Ltd.**,[2] li elaborat dwar il-kunċett ta' *constructive dismissal,* u kkunsidra l-pożizzjoni vvantata minn kull parti qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Applikat l-insenjament appena ċċitat għall-fatti tal-appell odjern iżda, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fil-każ odjern ma kienet tissolleva ebda punt ta' liġi, iżda kienet tammonta għal evalwazzjoni fattwali tal-provi prodotti mill-partijiet. Dan ifisser li l-aggravju interpost mill-appellant ma jaqax taħt l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 għaliex m'hemm l-ebda punt ta' liġi li fuqu l-appellant jista' jserraħ l-appell tiegħu. Il-fatt li l-appellant stenna li t-Tribunal japprofondixxi aktar dwar il-lanjanzi mressqa minnu hija opinjoni tal-appellant, u fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li t-Tribunal eżamina tajjeb jekk il-fatti tal-każ odjern jinkwadrawx fid-definizzjoni ta' *constructive dismissal* mogħtija mill-ġurisprudenza. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju huwa irritu u null.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal naqas li jagħti motivazzjoni adegwata għad-deċiżjoni tiegħu]*

27. L-appellant jikkontendi li t-Tribunal naqas li jagħti motivazzjoni adegwata bi ksur ta' dak li jipprovdi r-Regolament 12 tar-Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali. Qal li fis-sentenza tiegħu, it-Tribunal m'għamel l-ebda riferiment għall-kunċett ta' *constructive dismissal,* u t-Tribunal naqas ukoll milli jagħmel riferiment għax-xhieda u għall-provi mressqa mill-appellant.

28. B'dan l-aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jilmenta li t-Tribunal naqas milli jiddeċiedi skont il-liġi, billi injora r-regolament proċedurali li jirregola kif għandhom jingħataw id-deċiżjonijiet tat-Tribunal. Imma l-Qorti ma tistax taqbel

[2] 03.02.2014.

mal-pożizzjoni li qiegħed jieħu l-appellant, għaliex jirriżulta bl-aktar mod ampju li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ikkonsidra l-pożizzjoni ta' kull waħda mill-partijiet. Fil-fatt jirriżulta li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu għamel sinteżi ta' dak li kellu xi jgħid l-appellant, ir-rikorrent quddiem it-Tribunal u x-xhieda mressqa minnu, fosthom Dr Domenic Micallef. Mhux ġustifikat għalhekk l-appellant fil-kritika tiegħu, meta jargumenta li t-Tribunal ta każ biss ta' dak li kellha xi tgħid parti waħda f'dawn il-proċeduri, għaliex jirriżulta li dan ma kienx il-każ.

29. Ir-Regolament 12 tar-Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali jistipula illi:

> "Id-deċiżjonijiet u s-sentenzi tat-Tribunal għandhom ikunu bil-miktub u ma għandhomx jispeċifikaw bid-dettalji r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni jew sentenza imma jistgħu jagħmlu riferenza għax-xhieda prinċipali li tinstema'. It-Tribunal, madanakollu, għandu jagħmilha ċara bid-deċiżjoni jew is-sentenza tiegħu illi l-argumenti kollha illi għandhom x'jaqsmu u li jitressqu miż-żewġ partijiet għandhom jittieħdu f'konsidera+zzjoni."

30. Fil-fatt jirriżulta li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal għamel sinteżi tal-fatti u tal-provi miġjuba quddiemu, għamel riferiment għax-xhieda u għat-trattazzjoni li saret quddiemu mill-avukati difensuri tal-partijiet, u finalment kien hemm id-deċiżjoni li l-fatti kif esposti u l-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, ma jwasslux lit-Tribunal għall-konvinċiment li fil-każ odjern kien hemm terminazzjoni mill-impjieg li tista' titqies inġusta jew li l-fatti tal-każ jammontaw għal *constructive dismissal.* It-Tribunal elabora dwar dan billi għamel riferiment għall-ittra ta' riżenja tal-appellant, u qal li m'hemm xejn f'din l-ittra li huwa irraġonevoli jew li jindika li l-appellant kien dahru mal-ħajt minħabba l-aġir tal-prinċipal tiegħu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

*It-tielet aggravju:* *[ir-rimarka tat-Tribunal li r-riżenja ma saritx* under protest*]*

31. L-appellant qal li t-Tribunal straħ fuq il-fatt li r-riżenja tiegħu ma kinitx *under protest,* u dan meta r-riżenja *under protest* mhijiex rekwiżit essenzjali għal *constructive dismissal.* Qal ukoll li fil-każ odjern it-Tribunal kellu l-obbligu janalizza l-prestazzjoni, l-azzjonijiet u l-omissjonijiet ta' min qiegħed jimpjega.

32. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern it-Tribunal semma l-fatt li r-riżenja tal-appellant ma kinitx *under protest* proprju minħabba li dak li kellu xi jgħid l-appellant fl-ittra ta' riżenja tiegħu kien ta' import fuq id-deċiżjoni finali dwar jekk il-fatti tal-każ jammontawx għal *constructive dismissal* jew le. Fil-fatt l-appellant fl-ittra ta' riżenja tiegħu pprova jiġġustifika l-aġir tiegħu billi qal li huwa fl-ebda waqt ma kellu kunflitt ta' interess, iżda imbagħad għadda biex irringrazzja lill-uffiċjali tal-MGA appellata għall-mod kif imxew miegħu tul is-snin, u għall-opportunitajiet u għas-sostenn li tawh meta kellu bżonnu. Altru dan milli huwa aġir ta' xi ħadd li jitpoġġa dahru mal-ħajt minn min kien jimpjegah. Huwa f'dan il-kuntest li r-rimarki tat-Tribunal dwar il-fatt li l-appellant ma rriżenjax *under protest* huma ġustifikati. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**